MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Numru 668/2011

Il-Pulizija
(Spett Jesmond Micallef)
vs
Christopher Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 404660(m) akkuzat talli:

1. nhar it-2 ta’ Awissu 2010 ghal habta tas-1.00pm f’dawn il-Gzejjer u cioe’ fix-Xatt ta’ Tigne, Sliema, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Michele Di Monaco wera’ dan il-hsieb b’atti eseterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq vettura tat-tip Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni DBI 902 ghal fuq il-persuna ta’ l-istess Michele Di Monaco liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Michele Di Monaco u dan skond kif gie iccertifikat minn Dr P.Dingli M.D (med.reg no. 3131) mill-Isptar Mater Dei.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti;
Semghet it-trattazzjoni;
Ikkonsidrat:

Din il-kawza ssib l-origini taghha wara battibekk li sehh fuq parkegg f'Tas Sliema li kien reklamat mill-imputat u t-terz li allegatament safa' b'xi griehi ta' natura hafifa li sostna gew ikkagunati lilu mill-imputat. L-imputat hu pero' akkuzat ta' attentat ta' ferita gravi fuq l-istess terz u sussidjarament bl-offiza ta' ferita hafifa.
Il-fatti skond ix-xhieda prodotta juru li fil-gurnata u hin indikati fl-imputazzjoni l-imputat li ghandu stabiliment tal-ikel f'dak il-lokal kien qieghed idur bil-vettura tieghu biex illokalizza post ta' parkegg. Fil-hin indikat ra lil xi konnoxxent tieghu, certu Frans Grogan, li jahdem f'wiehed mill-hwienet hemmhekk u staqsieh jekk kienx sejjer ghall-vettura u jekk fl-affermattiv jekk setghax jipparkeggja minfloku. Dan irrispondieh li kien proprju ser jitlaq il-post ta' parkegg li fih kien ipparkeggjat, spiegalu fejn u l-imputat saq fejnu.
Ix-xhieda turi, u l-Qorti hi sodisfatta li hekk kien il-kaz, li fil hin li l-post gie liberu l-imputat beda l-manuvra biex jidhol fl-ispazju vakat meta gie t-terz u beda jirrimostra li kien qieghed izommu ghal habib tieghu. Gew skambjati xi kliem u t-terz jghid li hawnhekk l-imputat saq fuqu tant li kellu izomm mal 'windscreen' li tkisser per konsegwenza u zied jghid li ntaqlat f'saqajh u kellu irrikorri l-isptar. Ic-certifikat mediku relattiv jinsab esebit a folio 33.
Incidentalment, fuq dan l-incident kien hemm proceduri civili istitwiti mill-parti leza li fihom kien sokkombenti. Indipendentement minn dan pero' dawn il-proceduri huma ta' indole

kriminali b'imputazzjonijiet specifici li huma indipendenti minn proceduri civili u jirrikjedu l-prova 'minghajr dubbju dettat mir-raguni'. F'din il-prova l-prosekuzzjoni kellha fil-konfront tal-ewwel akkuza turi l-intenzjoni specifika fl-imputat li jikkawza l-ferita gravi u fil-konfront tal-feriti hfief kellha tipprova li dawn gew inflitti b'xi agir tal-imputat. Mill-provi, senjatament mill-fattispecje tal-kaz u partikolarment mix-xhieda tal-imsemmi Grogan il-Qorti mhix sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova, lanqas sal grad tal-probbabli, li f'kull kaz mhux
sufficjenti ghaliha, izda li hu l-grad li fih ghandu jasal l-imputat u li fil-fatt gie raggunt.
Il-Qorti tieqaf hawn. Tiddecidi konsegwentement li tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------